**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 20 t' Ottubru, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**Diana Farrugia**

**Emanuel k/a Noel Cassar**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta'

**Diana Farrugia** detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 332170M; u

**Emanuel k/a Noel Cassar** detentur tal-karta tal-identita numru: 250467(M)

Akkuzat t-tnejn flimkien talli fil- 25 ta’ Gunju 2017 ghal habta ta’ 14:30 hrs u 16:10 hrs fi Triq Valletta bejn Hal Luqa u Marsa, Malta ikkommetta serq ta’ xorb alokoholiku, xorb iehor non alkoholiku, 3 dixxijiet ghal valur ta’ inqas minn €232.94. liema serq huwa aggravat bil-Persuna u bil- Mezz u dan mil-hanut li jismu “Monroe”. ghad-detriment ta’ Clayton Galea u Katya Zahra u/jew persuna jew persuni ohra u dan bi ksur tal- artikoli 261,263,264,268 (a) (c) (d), tal- Kodici Kriminali ta’ Malta Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Aktar talli fl-istess dati hinijiet lok u cirkostanzi f’ Malta xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b’ qerq, jew akkwistati b’ reat, sew jekk dan isir f’ Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’ kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom, dan bi ksur tal- artikolu 334 tal- Kodici Kriminali ta’ Malta Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Lil Diana Farrugia wahedha

Talli bejn il-5 ta’ Gunju 2017 u t- 18 ta’ Gunju 2017 fi Triq Valletta bejn Hal Luqa u Marsa, Malta ikkommetta serq ta’ xorb non alkoholiku, 3 dixxijiet ghal valur li ma jaqbizx it- €232.94 ta’ liema serq huwa aggravat bil-Persuna, bil- Mezz u dan mil-hanut li jismu “Monroe”. ghad-detriment ta’ Clayton Galea u Katya Zahra u/jew persuna jew persuni ohra u dan bi ksur tal- artikoli 261,263,264,268 (a) (c) (d), tal- Kodici Kriminali ta’ Malta Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Talli fil- 25 ta’ Gunju 2017 ghal habta ta’ 14:30 hrs u 16:10 hrs u matul l-ahhar xhur qabel din id-data,, fi Triq Valletta bejn Hal Luqa u Marsa, Malta u f’inhawi

ohra fil- Gżejjer Maltin kellek fil-pussess tieghek ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8 (a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil Diana Farrugia wahedha talli fl-istess dati lok u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f' kaz ta' htija titratta lill-imputata Diana Farrugia bhala li saret recidiva ai termini tal-artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Diana Farrugia u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar l-20 t' Ottubru, 2017 ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti taghhom.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputati wiegbu li huma hatja, din il-Qorti wissiethom b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u tathom zmien xieraq sabiex jekk iridu jergghu lura minnha u kien biss wara li staqsiethom it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni taghhom.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputati, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputati hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom kif minnhom ammessi.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputati ammettew fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li kkoperaw fil-kors tal-investigazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 268(a)(c)(d) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputata Diana Farrugia hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni u tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha wahidha u b' applikazzjoni tal-Art. 7 tal-Kap 446 tpoggi lill-imputata taht Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet u tikkundannaha multa ta' €50. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq li taghha l-imputata nstabet hatja l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 268(a)(c)(d) u 17 tal-Kodici Kriminali Qorti ssib lill-imputat Emanuel k/a Noel Cassar hati tal-ewwel (1) imputazzjoni (serq) u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap. 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sentejn (2) millum. Stante li t-tieni (2) imputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghall-imputazzjoni ta' serq li taghha l-imputat nstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

Il-Qorti inoltre tordna l-konfiska u distruzzjoni tad-droga mmarkata bhala dok HC 1 liema distruzzjoni ghandha ssir taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur Ghal Probation Services u Parole.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**